# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Novembru 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 167/12TA**

**Ta' Sardinia Company Limited (C-6974)**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita` tal-Artijiet, Kunsill Lokali Tarxien, Transport Malta illum Awtorita` għat-Trasport f'Malta, Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2017 ġie kjamat fil-kawża l-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Attriċi tal-5 ta' Mejju 2020 (a' fol 311);

Rat ir-risposta tal-Konvenut Ministru tal-20 ta' Mejju 2020 (a' fol 317);

Rat ir-risposta tal-Konvenut Kummissarju tal-Artijiet tat-22 ta' Mejju 2020 (a' fol 323);

Rat ir-risposta tal-Konvenuta Awtorita' tas-17 ta' Ġunju 2020 (a' fol 328);

Rat ir-risposta tal-Konvenuta Korporazzjoni tad-19 ta' Ġunju 2020 (a' fol 329);

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat li r-rikors tħalla għallum għall-provvediment.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li fir-rikors tagħha tal-5 ta' Mejju 2020, is-Soċjeta' Attriċi qed titlob ir-revoka contario imperio tad-digriet tal-11 ta' April 2019. Il-Qorti fehmet li din it-talba qed issir fir-rigward tad-digriet kollu.

Il-Qorti tfakkar li f'dak id-digriet il-Qorti provvediet fis-sens li l-ewwel kellha tkun deċiża l-eċċezzjoni ta' ġurisdizzjoni mogħtija mill-konvenut Ministru. Di fatti b'konsegwenza ta' dan id-digriet ingħatat sentenza parzjali fuq dan il-punt fl-20 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti asserixxiet il-ġurisdizzjoni li tkompli tisma' din il-Kawża. Aktar minn hekk fil-prosegwiment tal-Kawża minħabba li din il-Qorti sabet li għandha ġurisdizzjoni tkompli tittrata l-Kawża, ingħatat Sentenza oħra parzjali dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Konvenuta Awtorita' dwar l-interess ġuridiku tas-Soċjeta' Attriċi, liema sentenza ingħatat fit-2 ta' Lulju 2021 fejn il-Qorti sabet li s-Soċjeta' Attriċi għad ghandha interess ġuridiku fil-Kawża odjerna (a' fol 367).

Dan ifisser li t-talbiet fir-rikors odjern ma humiex strettament korretti. Il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba fit-totalita' tagħha għaliex ma tistax tirrevoka

dik il-parti tad-digriet fejn din il-Qorti provdiet dwar li l-ewwel kellha tisma' dwar ġurisdizzjoni qabel ma tikkonsidra jekk din il-Kawża għandhiex tmur sine die fid-dawl ta' proċeduri oħrajn intavolati wara din il-Kawza b'konsegwenza fid-dħul ta' liġi aktar riċenti u cioe il-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta. Li kieku din il-Qorti kellha tagħmel hekk tkun qed tirrevoka d-digriet li minnu tnisslu ż-żewġ Sentenzi parzjali fuq imsemmija.

Fid-digriet tagħha tal-11 ta' April 2019 din il-Qorti speċifikatament provdiet li "Dan ma jfissirx li ma jkunx jista' **jitressaq rikors iehor simili** ghal dak odjern wara li tigi deciza l-eccezzjoni, dejjem jekk din il-Qorti tasserixxi l-kompetenza taghha fir-rigward il-materja li ghandha quddiemha." (Emfażi tal-Qorti a' fol 290 tergo). Il-Qorti tifhem li b'konsegwenza tal-liġi riċenti fuq imsemmija, il-binarji ta' din il-kawża ġew prolungati b'konsegwenza ta' bosta eċċezzjonijiet u dibattiti legali ulterjuri frott ta' ġinnastika legali. Għalhekk il-Qorti tifhem biex xi ħadd mill-partijiet jitlef il-vista' ta' dak li għadda hija l-aktar ħaġa faċli. Għalhekk minkejja dan il-kollu l-Qorti ser tkun qed tipprovdi dwar jekk din il-Kawża għandhiex titħalla *sine die* pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitragg kif kostitwit taħt il-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jidher li t-talba li qed tagħmel is-Soċjeta' Attriċi hija abbażi tal-artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

*"Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili, wara li tkun ġiet mressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita sine die jew xort'oħra*

*sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' tliet(3) xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:*

*Iżda meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, iż-żmien jibda għaddej mid-data meta din is-sentenza tkun mogħtija."* (emfażi tal-Qorti).

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-proċeduri pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ jammontaw għall-Kawża, tant li d-deċiżjonijiet ta' dan il-Bord jikkostitwixxu ġudikat. Di piu' l-liġi fl-artikolu inkwistjoni jammonta għal dak li kommunament tissejjaħ soprasessjoni, għalkemm dan huwa terminu li ma jinstabx fil-liġi nnifisha.

Dwar dan l-istitut tal-liġi dawn il-Qrati jgħallmu hekk:

Talba għas-soprasessjoni għandha tintlaqa' biss

(1) meta hu spedjenti li tagħmel li jsir hekk (**Vol 39 p 1 p467 Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Galea u Appell Civili fl-ismijiet Cassar -vs- Xuereb 12.3.73**)

(2) meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawża oħra (**Vol XLVI p2 p 591**).

(3) il-Qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun ser tbati preġudizzju.

(4) is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u għandu jigi applikat biss jekk hu neċessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (**Vol XL1 p1 p 507**).

Il-Qorti eżaminat sewwa l-Kawza li għandha quddiemha u a skanz ta' repetizzjoni mhux ser toqgħod tirrikapitula dak li qalet din il-Qorti fiż-żewġ Sentenzi parzjali sudetti in kwantu l-fatti ta' kif ġraw fil-perkors ta' din il-Kawza. Pero' tajjeb li jigi ssottolinejat li din il-Qorti fl-ewwel lok sabet li għandha interess ġuridiku f'din il-Kawża bis-sentenza tagħha tat-2 ta' Lulju 2021. Fit-tieni lok f'dik is-Sentenza din il-Qorti osservat li "*l-bidla li seħħet fil-liġi matul il-Kawża ma ġabithiex b'idejha s-Soċjeta' Attriċi. Li kieku dik il-bidla ħasbet għal kawżi bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, it-trajettorja tal-proċess li ħadet din il-Kawża ma kienitx tkun daqshekk penuża. L-anqas ma tlum lill-istess Soċjeta' li ressqet l-azzjoni tagħha quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ taħt il-liġi ġdida għax minn eżami tar-rimedji li toffri, il-Qorti ma teskludix li jistgħu ikunu aktar vantaġġjużi minn dawk li joffri l-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta fost oħrajn danni morali. Iżda biex ikunu hekk vantaġġjużi jridu jirrikorru l-elementi kollha tal-artikolu 63 tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta.*

*Ma hux il-kompitu ta' din il-Qorti li toqgħod tidhol fil-mertu ta' jekk jirrikorrux l-elementi kollha għaliex dik hija materja li għad trid tiġi kkunsidrata mill-Bord ta' Arbitraġġ li ġie adit appositament sabiex jieħu konjizzjoni tal-materja. Imma din il-Qorti ma hiex konvinta, li bil-mod kif saret il-liġi, ta' bilfors li ser jingħataw ir-rimedji li altrimenti jingħataw*

*dejjem minn dawn il-Qrati fit-termini tal-azzjoni ordinarja li qed tkun esperita f'din il-Kawża.*"

Din hija osservazzjoni li tinċidi fuq il-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti llum. Il-Qorti tirribadixxi din l-osservazzjoni. Di piu' ma ssirx ġustizzja, fid-dawl tal-karenzi transitorji tal-liġi riċenti, jekk din il-Qorti ma tistenniex biex tkun taf x'rimedju ser jagħti dak il-Bord, li żgur ser ikunu innovattivi għaċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti, qabel kull Sentenza li tista' f'dawn il-proċeduri. Jekk bis-sentenza li tingħata mill-Bord tkun eżawriet il-pretensjonijiet f'dawn il-proċeduri sta għall-partijiet li jirregolaw rwieħhom fid-dawl tad-digriet li ser jingħata llum u ta' dak li jipprovdi l-artikolu tal-liġi fuq imsemmi.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ġew sodisfatti l-erbgħa elementi kif mgħallma minn dawn il-Qrati. Huwa spedjenti li l-Kawża titħalla sine die pendenti l-esitu tal-proċeduri quddiem il-Bord. Illi l-punti li ser ikunu deċiżi minn dak il-Bord ser ikunu qegħdin iwasslu ukoll għar-risoluzzjoni tal-kweżiti legali li tqanqlu f'dawn il-proċeduri bid-dħul fis-seħħ tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta fil-mori tal-istess. Jekk il-Qorti tħalli l-Kawża sine die, ħadd mill-partijiet ma hu ser isoffri xi preġudizzju f'ċirkostanzi simili. Fl-aħħar nett il-Qorti kif diġa' aċċennat, huwa fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, li din il-Kawza titħalla sine die pendenti l-esitu tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg u eventwali Sentenza. Wara Sentenza bħal din biss jistgħu l-partijiet jikkonsidraw il-posizzjoni tagħhom f'din il-Kawża.

**Provvediment**

Għaldaqstant il-Qorti qed tipprovdi dwar it-talbiet tas-Soċjeta' Attriċi billi tilqa' t-talba fis-sens biss, li qed tħalli din il-Kawża sospiża u cioe' sine die sakemm tiġi deċiża l-kawża l-oħra quddiem il-*Bord tal-Arbitragg Dwar Artijiet fl-ismijiet Ta' Sardinia Company Ltd kontra L-Awtorita' Tal-Artijiet presentat fit-12 ta' April 2018 rikors numru 8/2018*, b'dana li ż-żmien meta ikun jista' jsir rikors għar-rijappuntament tal-Kawża odjerna jibda għaddej mid-data meta s-Sentenza tkun mogħtija mill-imsemmi Bord jew minn meta dik is-sentenza ssir ġudikat f'każ ta' appell minnha.

Spejjes ta' dan id-digriet jibqgħu bla taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**